**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit.

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 15 ta' Frar, 2002

**Numru 25**

**Avviz. numru 1808/01JR**

**Dingli Company International Limited bhala mandattrici tas-socjeta' estera ta' The Performing Right Society Limited ta' Londra**

**vs**

**Mario Farrugia**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta' attrici fil-21 ta' Dicembru, 2001 fejn intalab il-hlas ta' Royalty fl-ammont ta' sbatax-il lira Maltin u sittax-il centezmu (Lm17.16) kwantu ghal erbatax-il lira Maltija u tnejn u disghin centezmu (Lm14.92) Royalty u zewg liri Maltin u erbgha u**

**ghoxrin centezmu (Lm2.24) Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq l-istess Royalty dovut bil-quddiem, in konnessjoni mal-licenzja Nru 010640 (Dok "A") rilaxxata mis-socjeta' attrici a favur tal-konvenut rigwardanti l-istabbiliment Kingfisher Restaurant, ghall-perjodu mis-6 ta' Awissu, 2001 sal-5 ta' Awissu 2002.**

**Is-socjeta' attrici tablet ukoll il-hlas ta' l-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data ta' l-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjez ta' l-Avviz, komprizi dawk ta' l-ittra legali tal-31 ta' Ottubru, 2001, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda tal-PL Josette Attard li kkonfermat li l-ammont mitlub ghadu dovut.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' sbatax-il lira Maltin u sittax-il centezmu (Lm17.16) bl-imghaxijiet kummercjali mis-6 t'Awissu, 2001, sal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza komprizi dawk ta' l-ittra legali tal-31 ta' Ottubru, 2001, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**